# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Ċitazzjoni Nru.: 970/2000 MH**

**Illum 12 ta' Lulju, 2021**

**Joseph Grima (K.I. 159736M) u b'digriet tas-16 ta' Ġunju 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem Dr Lynn Zahra (K.I. 258959M) u bintha Chase Zammit**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat **iċ-ċitazzjoni tal-attur tat-18 ta' Mejju 2000** permezz ta' liema ġie premess-

*Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u hamsin lira maltin (LM 21,250) rappresentanti l-valur ta' erbghin (40) kambjala iffirmati u accettati mill-konvenut hawn annessi u markati minn JM1 sa JM20 u li lkoll maturaw ghall-hlas.*

*Peress illi l-konvenut gie nterpellat ghall-hlas ta' dawn il-kambjali li maturaw ghall-hlas huwa baqa nadempjenti.*

*Peress illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet attrici.*

*Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarjau opportuna ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

1. *Tghaddi biex taqta u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-171 tal-Kaodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili; u*
2. *Tiddikjara illi l-kambjali kopja taghhom hija hawn annessa bhala dokumenti minn JM1 sa JM20 maturaw ghall-hlas mill-konvenut afavur l-attur, u*
3. *Tikkundannah ihallas l-ammont kumplessiv ta' wiehed u ghaoxrin elf, mitejn u hamsin lira maltin (LM 21,250) rappresentanti l-valur ta' erbghin (40) kambjala iffirmati u accettati mill-konvenut hawn annessi u markati minn JM1 sa JM 20 u li ilkoll maturaw ghall-hlas kif fuq inghad, flimkien mal-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-maturita relattiva ta' kull kambjala rispettiva sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-24 ta' April 2000 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni.

Rat illi waqt l-ewwel seduta tas-26 ta' Ġunju 2000[1] deher il-konvenut li talab lil din il-Qorti diversament preseduta sabiex jitħalla jikkontesta l-kawża li ġiet istitwita bil-proċedura tal-giljottina. Madankollu l-Qorti ċaħdet din it-talba.

[1] Fol 31

Rat illi b'**sentenza datata 26 ta' Ġunju 2000**[2] l-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat illi wara appell li sar mill-konvenut, b'**sentenza datata 31 ta' Jannar 2003**[3] il-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza appellata billi rrevokata inkwantu laqgħet l-ewwel talba attriċi u pproċediet għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża u għalhekk ammettiet lill-konvenut appellant sabiex jikkontesta l-kawża bil-mod stabbilit fil-liġi u b'dan il-mod irrevokat l-istess sentenza inkwantu kkundannat lill-konvenut appellant għall-ħlas tal-ammont reklamat u b'hekk irrimettiet l-atti lill-Ewwel Qorti għall-prosegwiment skont il-liġi.

Rat in-**Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta' Frar 2003**[4] permezz ta' liema ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet –

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu l-imsemmi Joseph Camilleri jikkonferma :-*

1. *Illi fil-bidu tas-sena 1995, il-kontendenti kienu ftehmu illi l-esponent ried jakkwista l-ihsma tas-socjeta' attrici illi allura kienet topera l-stazzjon Live FM versu l-prezz u taht il-kondizzjonijiet stipulati bejniethom.*

2. *Illi sabiex jaghtu sehh ghal dak illi kienu ftehmu, il-kontendenti kienu iffirmaw zewg skritturi ("agreement" u "side letter") illi gja gew ezebiti fl-atti ta' din il-kawza u immarkati rispettivament JC1 u JC2.*

3. *Illi fl-ewwel skrittura, cioe Dokument JC1, il-atturi kienu qablu illi jghaddu ossija jittrasferixxu l-assi u d-djun tas-socjeta' attrici lill-esponenti taht il-kondizzjonijiet u in konsiderazzjoni tal-hlas tal-korrispettiv imsemmija fl-istess skrittura, filwaqt illi permezz tat-tieni skrittura, cioe' Dokument JC2, "sar" it-trasferiment tal-ihsma tal-imsemmija socjeta' attrici taht il-kondizzjonijiet u in konsiderazzjoni tal-hlas tal-korrispettiv imsemmija fl-istess skrittura.*

---

[2] Fol 36 et seq
[3] Fol 57 et seq
[4] Fol 63 et seq

4. *Illi, kif jirrizulta mill-imsemmija side letter (Dokument JC2), it-trasferiment tal-ihsma fl-imsemmija socjeta attrici kellu jigi perfezzjonat hekk kif l-istipulazzjonijiet tal-iskrittura l-ohra (cioe' dawk tal-agreement) jigu ezegwiti.*

5. *Illi in konsiderazzjoni ta' tali trasferiment l-esponent accetta li jhallas lill-attur is-segwenti pagamenti u cioe' a) is-somma ta' hames mitt Lira (Lm500) fix-xahar ghall-periodu tal-ftehim bhala l-korrispettiv tal-konsulenza tieghu; b) is-somma ta' erba' u hamsin elf Lira Maltin (Lm54000) stipulat bhala l-korrispettiv tat-trasferiment tal-ihsma u pagabbli fi skadenzi ta' seba; mija u hamsin Lira (Lm750) fix-xahar; c) is-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15000) stipulata bhala kreditu tal-attur kontra s-socjeta' illi ishma taghha kienu qeghdin jinxtraw mill-esponent, permezz ta' pagamenti mensili ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm625); d) is-somma ta' tmintax-il elf lira (Lm18000) ukoll stipulata bhala kreditu tal-attur kontra l-istess socjeta', akkwistata allura mill-esponent, pagabbli permezz ta' pagamenti mensili ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250). Ghalhekk l-ammonti stipulati mill-partijiet bhala pagabbli mill-esponent in konnessjoni mat-trasferiment pattwit kien ta' mija u tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (LM123000).*

6. *Illi, kif ukoll jirrizulta mill-annessi skritturi, l-imsemmija ammonti gew inkorporati f' kambjali accettati mill-esponent favur il-attur u konsenjati mill-istess esponent lill-attur.*

7. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmija skritturi, il-kontendenti kienu qablu illi l-ewwel skrittura (cioe' dik imsejha l-agreement) kienet intiza illi jkollu terminu ta' sitt snin dekorribbli mit-2 ta' Frar 1995 sat-3 ta' Frar 2001, filwaqt illi t-trasferiment ta' ihsma miftiehem fit-tieni skrittura (dak imsejjah side letter) kien intiz illi jigi formalment ezegwit meta l-obbligi gravanti lill-istess esponent skond l-ewwel skrittura kienu gew minnu ezegwiti.*

8. *Illi pero l-ftehim ma kellux il-permanenza originarjament intiza mill-partijiet billi l-istess partijiet kontendenti, minhabba diversi ragunijiet, qablu illi jitterminaw il-ftehim taghhom b'effett mil-31 ta' Marzu 1996 (DOK JC3 gja ezebita).*

9. *Illi, b' effett tal-ftehim tat-2 ta' April 1996, il-attur (u/jew il-kumpannija tieghu) regghu dahlu fil-pussess u kontroll shih tal-imsemmi stazzjoni tar-radju, filwaqt illi l-esponent formalment irrilaxxja tali kontroll u pussess. Jigi rilevat ukoll illi sa dakinhar, it-trasferiment tal-ihsma originarjament ipprospettat ma kienx gie formalment ezegwit mill-partijiet.*

**10.** *Illi fil-ftehim redatt mill-istess kontendenti ghat-terminazzjoni tal-ftehim originali taghhom, il-kontendenti kienu elenkaw l-obbligi rispettivi taghhom u b'riferenza ghall-kambjali accettati mill-esponent in konnesjoni mal-hlasijiet stipulati fit-2 ta' Frar 1995, fuq imsemmija, l-istess partijiet qablu li tali kambjali kellhom jinzammu mill-konvenuti sakemm l-obbligi stipulati f' dak it-tieni ftehim jigu debitament ezegwiti mill-esponent. Issa l-kliem utilizzati f' din il-klawzola partikolari tal-ftehim ma huiex ghal kollox car u felici, izda t-tifsir tieghu jista' jigi spjegat mill-Avukat Joseph Giglio – illi allura ipprepara u abbozza l-iskrittura tat-2 ta' Aptil 1996 u kien agixxa bhala intermedjarju bejn il-kontendenti u kien wassalhom ghall-ftehim eventwalment konkluz bejniethom.*

**11.** *Illi l-esponent (u/jew il-kumpannija tieghu) ezegwew dawk l-obbligi li kienu fi grad li jezegwixxu izda baqghu moruzi fir-rigward ta' uhud minn tali obbligazzjonijiet, principalment minhabba tfixkil tal-istess attur.*

**12.** *Illi l-attur qieghed issa jippretendi il-hlas tal-kambjali hekk accettati mill-esponent ghalkemm dawn il-kambjali huma il-korrispettiv ta' diversi stipulazzjonijiet li gew revokati u terminati mill-partijiet.*

**13.** *Illi, l-esponent ippresenta citazzjoni (CIT NRU:- 2325/00 JRM) kontra l-attur (u is-socjeta' minnu kontrollata) fejn talab lill-dina l-Onorabbli Qorti*

**i)** *tiddikjara illi l-kambjali kollha accettati mill-esponent u konsenjati minnu lil-attur odjern Joseph Grima inkonnessjoni mal-ftehim tat-2 ta' Frar 1995, ma ghadhomx jikkostiwixxu titolu ta' hlas favur il-konvenuti jew min minnhom izda biss garanzija tat-twettieq u l-ezekuzzjoni tal-obbligi gravanti lil-attur skond il-ftehim ta' terminazzjoni konkluz f'it-2 ta' April 1996.*

**ii)** *Tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-imsemmi ftehim tat-2 ta' April 1996, u gravanti lill-esponent illi ghadhom ma gewx ezegwiti minnu u, okkorrendo wara illi taghti dawk l-ordnijiet illi jkunu xierqa dwar l-ezekuzzjoni ta' tali obbligi u okkorrendo ukoll wara illi tillikwida u tistabilixxi il-valur tal-obbligi residwali hekk iddikjarati bhala mhux ezegwiti mill-esponent, tawtorizza lill-attur sabiex jzomm fil-pusses tieghu bhala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza tal-esponent f' tali obbligi, dawk il-kambjali illi jigu appozitament identifikati minn dina l-istess Qorti, illi jigu mizmuma mill-istess attur minnhom taht dawk il-kondizzjonijiet li jigi stabiliti mill-istess Onorabbli Qorti u li jirregolaw l-uzu u l-prezentazzjoni taghhom mill-attur ghall-pagament.*

**iii)** *Tordna lill-attur sabiex jirritorna u jikkonsenja lill-esponent dawk il-kambjali accettati mill-esponent illi l-attur ma jigix awtorizzati mill-Qorti illi jzomm fil-pussess tieghu b' effett tat-talba precedenti.*

**iv)** *Tinibixxi lill-attur milli jaghmel uzu mill-kambjali imhollija fil-pussess tieghu mill-Qorti bhala pretenzjoni ta' hlas jew altrimenti milli jiggira favur terzi jew b' xi mod iehor jikkostitwixxi favur t-terzi titolu ta' hlas kontra l-esponent, hlief taht dawk il-kondizzjonijiet u f' dawk ic-cirkostanzi illi jigu stabiliti appozitament mill-Qorti kif mitluba f' dik il-kawza.*

Rat illi l-kawża odjerna hija konnessa ma' u qed tinstema' kontestwalment mal-proċeduri **Ċit Nru 2116/00 fl-ismijiet Joseph Grima vs Joseph Camilleri** u l-proċeduri **Ċit Nru 2325/00 fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Joseph Grima et**.

Rat il-provi mressqa f'dawn it-tlett kawżi u s-sottomissjonijiet li saru dwarhom.

Rat li dawn il-proċeduri tħallew kollha għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tagħhom.

**Ikkunsidrat:**

**<u>A. Kawżali</u>**

1. Fil-kawża odjerna l-attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-ammont ta' €49,499.18 (Lm21,250.00) rappreżentanti l-valur ta' erbgħin kambjala ffirmati u accettati mill-istess konvenut u li lkoll immaturaw għall-ħlas. Dan flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-maturita' relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

2. Fil-kawża Ċit Nru 2116/00 l-attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-ammont ta' €162,764.96 (Lm69,875.00) rappreżentanti l-valur ta' mija u wieħed u erbgħin kambjala ffirmati u accettati mill-istess

konvenut u li lkoll immaturaw għall-ħlas. Dan flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-maturita' relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

3. Minn naħa tiegħu, Joseph Camilleri, konvenut fiż-żewġ kawżi irrespinġa tali pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Dan peress li fil-fehma tiegħu l-imsemmija kambjala ma kinux għadhom jikkostitwixxu titolu ta' ħlas kif intiż oriġinarjament iżda ġew kostitwiti bħala garanzija għall-eżekuzzjoni mill-istess konvenut ta' ċerti obbligazzjonijiet.

4. Sussegwentement, l-istess Joseph Camilleri u s-soċjeta' Kiss Live FM Ltd intavolaw l-proċeduri kontra Joseph Grima u Grima Communications Ltd (Ċit Nru 2325/00) permezz ta' liema talbu lill-Qorti tiddikjara li l-kambjali kollha aċċettati minn Camilleri ma għadhomx jikkostitwixxu titolu ta' ħlas favur Joseph Grima et iżda biss garanzija ta' twettieq u l-eżekuzzjoni tal-obbligi gravanti lil Camilleri skont il-ftehim tat-2 t'April 1996. Joseph Camilleri et talbu wkoll lill-Qorti sabiex tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-ftehim appena msemmi u gravanti lil Camilleri et li għadhom ma ġewx esegwiti minnhom u okkorrendo wara li tagħmel dan il-Qorti tawtorizza lil Joseph Grima et sabiex iżommu bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza ta' Camilleri f'tali obbligi, dawk il-kambjali li jiġu appożitament identifikati minn din l-istess Qorti. B'effett ta' din l-aħħar talba, Joseph Camilleri et talab lill-Qorti tordna lil Grima et sabiex jirritornawlu l-kambjali hekk aċċettati mill-istess Camilleri u li għadhom fil-pussess ta' Grima et u li dawn ma jiġux awtorizzati mill-Qorti li jżommu fil-pussess tagħhom b'effett tat-talba preċedenti. Camilleri et talbu wkoll lill-Qorti tinibixxi lill-konvenuti f'dik il-kawża milli jagħmlu użu mill-kambjali mħollija fil-pussess tagħhom minn din il-Qorti bħala pretensjoni ta' ħlas jew altrimenti milli jaġġirawhom favur terzi ħlief skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti.

5. Għal din il-kawża kontrih Joseph Grima et irribatta fost oħrajn li kien Camilleri stess li aċċetta dawn il-kambjala għal konsiderazzjoni ta' ftehim ġdid li sar fit-2 t'April 1996. Inoltre, talba għal ordni ġudizzjarja għar-ritorn tal-kambjalijiet hija inammissibbli għaliex hija kontradittorja għat-talba l-oħra li saret biex il-konvenuti jiġu awtorizzati jżommu uħud mill-kambjaliet bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza ta' l-attur[5].

6. Fl-atti tal-kawża Ċit Nru 2325/00 il-konvenut Joseph Grima et ressaq kontro-talba[6] permezz ta' liema talab lill-Qorti tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat huwa responsabbli għal danni tat-telf ta' dħul sofferti mill-konvenut Joseph Grima meta l-attur ma riedx jew ma setax ikompli jħaddem il-kuntratt tat-2 ta' Frar 1995; għal dawk il-pagamenti mensili li kienu dovuti u li sal-mument tar-rexissjoni tal-kuntratt kienu għadhom ma ġewx onorati mill-attur; id-danni kollha li l-attur lis-soċjeta' konvenuta waqt li kien qiegħed jamministra hu; u danni għal ħsara u serq ta' apparat tal-kumpanija minn nies li kienu jgawdu l-fiduċja tiegħu waqt li kien qiegħed imexxi l-kumpaniji hu.

7. L-atturi ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn qajmu l-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas tad-danni u fil-mertu ċaħdu li huwa kien ikkawża d-danni allegati. Anzi huma saħqu li kwalunkwe danni talvolta sofferti mill-konvenuti kienu kawżati minnhom stess kemm direttament kif ukoll għax poġġew lill-atturi fl-impossibilita' li jieħdu dawk il-miżuri meħtieġa sabiex id-danni eventwalment sofferti jiġu prevenuti[7].

## B. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

[5] Fol 57 et seq
[6] Fol 62 et seq
[7] Fol 74

Kemm fil-kawża odjerna (u b'mod identiku anke fil-kawża Ċit Nru 2116/00) tressqu xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li għandhom għalhekk jiġu trattati u deċiżi qabel kull kunsiderazzjoni oħra.

**Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari** tiegħu l-konvenut jargumenta li għandhom jiġu preżentati l-kambjali oriġinali mill-attur sabiex jiffurmaw parti mill-atti tal-proċeduri sabiex tiġi skansata l-possibilita' li tali kambjali jiġu ġirati favur terzi matul il-pendenza tal-kawża u jkunu b'dan il-mod jikkostitwixxu kreditu favur tali terzi kontrih.

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Il-liġi ma tesiġix il-preżentata tal-oriġinal tal-kambjala b'mod obbligatorju fl-atti tal-proċeduri fil-Qrati. Inoltre jirriżulta  - u ma nġibitx prova kuntrarja għal dan – li l-kambjala in kwistjoni jinsabu għand l-attur.

Dwar il-possibilta' sollovata mill-konvenut li dawn il-kambjala jistgħu jiġu ġirati favur terzi bil-konsegwenza li dawn l-istess terzi jakkwistaw l-Qorti tirreferi għall artikolu 194 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi hekk -

*"Bla ħsara tal-każ imsemmi fl-artikoli 201 u 202, id-debitur mhux obbligat iħallas il-kambjala ħlief kontra l-kunsinna tagħha bl-irċevuta kif imiss."*

Dan ifisser li l-ħlas tal-kambjala jista' jsir darba biss ladarba skont il-liġi mal-ħlas tal-kambjala d-debitur għandu l-jedd li jirċievi l-kunsinna tal-kambjala. U allura l-preokkupazzjoni avvanzata mill-konvenut dwar pretensjonijiet ta' terzi marbuta mal-kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri ma treġix.

Issir referenza għall-każ **Michael Angelo Fenech vs Joseph Gaffarena** deċiż fid-29 ta' Jannar 2010 fejn ingħad hekk -

*"Biex wieħed imexxi azzjoni bażata fuq kambjala, mhux meħtieġ sine qua non li l-oriġinal tal-kambjala tiġi esebita fl-atti tal-kawża; l-importanti hu li l-Qorti tkun sodisfatta li l-kambjala teżisti u tkun f'idejn l-attur......*

*Il-biża li qajjem il-konvenut fis-sens li, mill-atti ma kienx jirriżulta jekk il-kambjala ġietx ġirata, u allura jekk jiġi kkundannat iħallas fuq dawn l-atti, jista' jiġi mitlub jerġa'jħallas mit-terz li favur tiegħu setgħet jew tista' tiġi ġġirata l-kambjala, hija legalment bla bażi, għax debitur fuq kambjala għandu dritt jinsisti li mal-ħlas, jingħata lura l-kambjala (Artikolu 194 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) u allura l-liġi stess tipprovdi li l-ħlas fuq kambjala jsir darba biss u lill-portatur tal-istess; il-liġi fil-fatt trid li min jitlob ħlas ta' kambjala ried jippreżenta l-istess."*

**L-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda.**

**Fit-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari** tiegħu l-konvenut jissolleva n-nullita tal-kambjali mertu tal-kawża għaliex fil-fehma tiegħu dawn mhumhiex korrettement datati kif ukoll għax ġew aċċettati sew mill-konvenut odjern kif ukoll mill-attur b'mod li l-identita' korretta tal-aċċettant ma tirriżultax formalment u inekwivokabilment mill-istess kambjala.

Anke dawn l-eċċezzjonijiet jirriżultaw infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fl-ewwel lok il-konvenut ma ressaq ebda prova li turi b'liema mod dawn il-kambjala mhumhiex datati kif suppost, u fit-tieni lok l-aċċettazzjoni tal-kambjala tirriżulta ampjament mill-kambjali nfushom. Di piu' huwa ironiku u saħansitra

kontradittorju kif il-konvenut ressaq dawn iż-żewġ eċċezzonijiet marbuta mal-allegata nullita' tal-kambjala meta mbagħad huwa stess, fil-kawża Ċit Nru 2325/00 intavola proċeduri u avanza pretensjonijiet proprju fuq dawn l-istess kambjala. Dan jinħad in omagg ta' dak miżmum *selecta una via non datur recursus ad alteram.*

**It-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari sejrin għalhekk jiġu miċħuda.**

**Ċ. MERTU**

Fuq ammissjoni tiegħu stess l-attur kien ippropona l-kawża bħala sempliċiment *actio cambiaria* fejn allura talab lill-Qorti li wara li teżamina l-eżistenza tal-kambjala mertu tal-proċeduri tordna l-infurzar tagħhom permezz tal-ħlas dovut.

Fl-ewwel lok u dwar il-prinċipji ġenerali in materja ingħad hekk fil-każ **Michael Attard Ltd vs Raymond Bezzina et deċiż 7 ta' Mejju 2018 -**

*"Dwar l-eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw f'kawża ta' din ix-xorta, l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jaqra hekk:*

*"(1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.*

*(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma."*

*L-artikolu sussegwenti jiddisponi hekk:*

*"Ma tistax issir oppożizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur."*

*Fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna nsibu żewġ linji ta' ħsieb dwar dawn l-artikoli tal-liġi.*

*Fil-każ ta' Guillaumier Industries Ltd vs Victor Vella et deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Diċembru 1998, intqal hekk dwar l-actio cambiaria:*

*"Illi a bazi ta' dan l-Artikolu ġie deċiz li l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawża proposta a bażi ta' kambjala għandha tiġi mill-Qorti trattata bl-akbar ċelerita possibli...." Il Kambjala hija proprju l-istrument kummerċjali nventat biex appuntu jassigura din il-ħeffa u l-għaġla fiċ-ċirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista jkun tiggarantixxi li l-proċessi kummerċjali jkunu animati mill istess esiġenzi.*

*Biex tassigura din iċ-ċelerita', l-liġi tiffrena l-eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw kontra l-posessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizazzjoni ta' import ta' kambjala. Tammetti eċċezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' faċli soluzzjoni " (Qorti tal-Kummerc per Imh. G. Mifsud Bonnici fl-ismijiet: "John Portelli noe vs Joseph Sullivan")*

*Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza "Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe" (Qorti tal-Kummerċ deċiża nhar il-15 ta' Novembru 1993 per Imh J.D. Camilleri):-*

*"Appena kambjala tiġi ammessa, tiġi krejata obligazzjoni ad hoc, għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet ipprecedietha. Għalhekk f'kawza bhal din, l-eċċezzjonijiet ammissibli huma ġeneralment limitati għall-kambjala nnifisha u bħala regola m'ghandhomx jiġu permessi eċċezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet preċedenti."*

*Fin-noti tiegħu, il-Professur Cremona jispjega li:*

*"The moment a person signs the bill of exchange ... the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself, it acquires a judicial existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evidenced by its bill with the signatures placed hereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre existing obligations, but merely because he did actually sign the bill."*

*Fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Adrian Busietta noe vs Marco Attard tad-9 ta' Frar 2001, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

*"Issa filwaqt li hu minnu illi "l-eċċezzjonijiet personali huma opponibbli għall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-ħlas tagħha u jistgħu jirrigwardaw tant l-oriġini tal-obbligazzjoni kemm l-eżerċizzju tagħha" (Vol XXX pIII p499), u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-kambjala, kellu jkun ovvju li l-oġġett tal-azzjoni kambjarja ma setax u ma għandux ikun konfuż mal-oġġett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li ta lok għal ħruġ tagħha. Il-liġi stess proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija ta' l-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-eċċezzjonijiet li setgħu jingħataw għaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-*

*negozju oriġinali li jibqa' soġġett għal verifika u kontestazzjoni, anke wara li tkun ġiet onorata l-kambjala b'konsegwenza tal-eżekuzzjoni tas-sentenza fuqha mogħtija."*

*Fil-każ fl-ismijiet Integrated Electronics Limited vs Goldkraft Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-25 ta' Frar 2004 intqal hekk:*

*"Issa skond il-prattika kostanti ta' dawn il-Qrati l-hlas tal kambjali li tkun aċċettata u skaduta tiġi dejjem ordnata meta l-eċċezzjonijiet ikunu tali li jeħtieġu indagini twila, salvi l-kawteli li l-Qorti jidrilha opportuni, kompriż li tirriżerva l-eċċezzjonijiet għal kawża separata. Jibqa' pero` vitali l-Art 198 (2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ illi l-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, m'għandhiex tkun imdewma.*

.....

*Jirriżulta mill-Artikolu 199 tal-Kodiċi tal-Kummerċ illi l-liġi tikkonsenti in via eċċezzjonali l-opposizzjoni għall-ħlas tal-kambjala fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal possessur. Il-ġurisprudenza mbagħad weriet ukoll illi l-Qorti għandha d-dover tinvesti eċċezzjonjijiet li jolqtu l-eżistenza tal-kambjali stess. In partikolari dawk rigwardanti l kunsens ta' l-aċċettant, ad exemplum, id-dolo (Vol XXXIV pIII p845; "Lorenzo Ceci –vs- Alfred J. Baldacchino noe, Qorti Kummerċ, 8 ta' Ottubru 1974). Eċċezzjonijiet oħra ammessi li jinstemgħu u jiġu trattati fl- istess ġudizzju tal-azzjoni kambjarja huma l-uzura (Vol XXIX pIII p319) u anke l-kompensazzjoni (Vol XXX pII p499), basta li din tkun tista' tigi definita malajr."*

*L-istess Qorti qalet hekk fil-każ ta' Carmelo Sammut et pro et noe vs Armando Bugeja et, deċiża fit-28 ta' Marzu 2008:*

*"Indiskutibilment, l-azzjoni kambjarja tiddependi esklussivament mill-pussess tal-kambjali jew kambjalijiet u hi għalhekk diretta biex iġġib in ġudizzju d-dritt inkorporat fil-kambjali nnifisha in forza ta' l-awtonomija tagħha. Isegwi li r-raġuni tat-talba b' din l-azzjoni tirrigwarda pretiza bażata fuq il-vinkolu emerġenti mill-kuntest, letterali u astratt, tal-kambjali fejn l-oġġett immedjat tagħha hu dak tal-ħlas ta' l-import tal-kambjali. Hu dan li jiddistingwiha mill-azzjoni ordinarja in kwantu f' din ta' l aħħar l-oġġett ta' l-azzjoni hu identifikat b' riferiment għar-rapport negozjali interkorrenti bejn il-partijiet. Veru li dan l-istess negozju sottostanti hu kollegat mal-kambjali emessa imma dan, se mai, jagħti lok għall-ġudizzju in via ordinarja bid-dixxiplina tipika ta' din l-azzjoni."*

Madankollu, kif diġa' ġie espress mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2003 fil-kawża odjerna, il-vertenza bejn il-partijiet ma setgħetx titqies sempliċistika daqs kemm ta x'jifhem l-attur fiċ-ċitazzjoni tant li, kif ingħad, l-atti ġew rimandati quddiem din il-Qorti diversament preseduta sabiex il-konvenut jingħata l-opportunita' li jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu.

Ta' l-istess ħsieb kienet din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri konnessi Ċit Nru 2116/00 fejn fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2001.

Mill-atti tat-tlett kawżi konnessi jirriżulta li permezz ta' **żewġ skritturi datati 2 ta' Frar 1995** ("Agreement" [8] u "*side letter*" [9]) il-kontendenti qablu li Grima jgħaddi lil Camilleri l-assi u d-djun tal-istazzjon tar-radju Live FM u l-ġestjoni tiegħu, kif ukoll l-ishma kollha ta' Grima Communications Company Ltd. Dan versu l-ħlas u kundizzjonijiet oħra hemm msemmija. **Dan il-ftehim kellu jkopri sitt snin bejn it-2 ta' Frar 1995 u t-3 ta' Frar 2001**.

[8] Proċess Nru 2116/00 fol 96 et seq
[9] Proċess Nru 2116/00 fol 98 et seq

B'rabta ma' dan il-ftehim u l-ammonti stipulati fihom, il-partijiet iffirmaw numru ta' kambjala li ġew aċċettati mill-konvenut a favur l-attur. Is-somma totali tal-kambjali kienet ta' Lm123,000 (€286,512.93).

Madankollu ftit aktar minn sena wara, u ċioe' **fis-16 ta' Marzu 1996**, il-konvenut kiteb lill-attur[10] fejn iddikjara li huwa ma kienx f'qagħda li jkompli jħaddem il-ftehim ta' bejniethom milħuq fit-2 ta' Frar 1995. Huwa talab għalhekk li tali ftehim jiġi xolt b'effett immedjat. Biex jagħmel tajjeb għall-perjodu meta l-attiv u l-passiv tal-istazzjon tar-radju kien isejjaħ lilu u bħala garanzija għall-pagamenti dovuti sa tmiem il-ftehim huwa ħalla għad-dispożizzjoni tal-istess attur il-kambjali li kien tah mal-kuntratt.

B'ittra datata **26 ta' Marzu 1996**[11] l-attur, f'isem Grima Communications Company Ltd aċċetta din it-talba u għalhekk iddikjara li l-ftehim tat-2 ta' Frar 1995 kellu jiġi meqjus terminat fis-26 ta' Marzu 1996. L-attur infurmah ukoll li 'l quddiem, meta l-accountants ikunu ħadmu l-accounts li hemm neqsin u jkunu vverifikaw l-inventarju, huwa kien ser jibgħat lill-avukat tal-konvenut lista ta' pagamenti li kellhom isiru mill-istess konvenut bejn it-2 ta' Frar 1995 u dakinhar, u li huma dovuti, kif ukoll lista ta' proprjeta' tal-kumpanija li tirriżulta nieqsa.

**Fit-2 t'April 1996**[12] il-partijiet iffirmaw ftehim li fih elenkaw il-pendenzi li rriżultaw wara x-xoljiment tal-ftehim tat-2 ta' Frar 1995. Dan il-ftehim infatti kien intiż li jkopri l-perjodu mit-2 ta' Frar 1995 sal-31 ta' Marzu 1996. Fi klawsola 9 sar qbil ukoll li l-kambjala kellhom jinżammu, presumibilment mill-

[10] Proċess Nru 2325/00 fol 86
[11] Proċess Nru 2116/00 fol 115
[12] Proċess Nru 2116/00 fol 100

attur u l-kumpanija tiegħu, sakemm ikun hemm *settlement* sħiħ ta' dawn il-pendenzi. Din il-klawsola tgħid hekk –

*"All Bills of Exchange to be retained until full settlement is made."*

Il-pussess u t-tmexxija tal-istazzjon tar-radju reġgħu għaddew għand l-attur u l-kumpanija tiegħu.

Fil-fehma tal-Qorti huwa kruċjali għar-riżoluzzjoni tat-tlett vertenzi quddiemha li qabel xejn tiġi determinata l-portata tal-ftehim li sar bejn il-partijiet fit-2 ta' April 1996. Dan peress li l-effetti ta' tali ftehim jimpinġu direttament fuq il-pożizzjonijiet meħuda mill-kontedenti fit-tlett kawżi u ċioe' minn naħa waħda l-bażi tal-azzjoni attriċi li tinsisti li tirċievi l-ħlas tal-import tal-kambjali kif indikat fiċ-ċitazzjoni u minn naħa l-oħra d-difiża tal-konvenut li jinsisti li l-azzjoni kif proposta mill-attur ma tistax tirnexxi peress li in vista tal-ftehim tal-1996 l-għan tal-kambjala tbiddel u flok titolu ta' ħlas saru jservu bħala garanzija għal kwalunkwe inadempjenza tal-obbligi assunti mill-istess konvenut fl-iskrittura msemmija.

In linea ta' prinċipji ġenerali ingħad hekk fil-każ **Golden Bun Manufacturing Co. Ltd vs Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża et deċiż fis-26 ta' Novembru 2015** -

***"Dritt***

*Il-Qorti ser tenunzja xi prinċipji legali applikabbli li f'materja kontrattwali jagħmel li l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992(1) Kodiċi Ċivili;*

*ara "***Carmelo Bajada noe vs Fr. S. Cachia et noe***" (A.K. deċiża fis-16 ta' Lulju 1973);*

*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. (Pacta sunt servanda). ("***Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Nġineer Ċivili Anthony Spiteri Staines***" – App Ċiv. Deċiża fil-5 ta' Ottubru 1998).*

*L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinsiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom (pacta sunt servanda), u l-ebda Qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan diment li dak il-ftehim ma jkunx milqut b'xi difett li jġibu ma jiswiex. Madankollu, llum huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola minsuġa f'Kap 16 trid tiġi nterpretata wkoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt jiġifieri li l-kuntratti jiġu esegwiti in bona fede.*

**L-Artikolu 993 tal-Kap 16** *jiddisponi:*

*"Il-kuntratti għandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi".*

*Fil-kawża,* ***Mark Calleja Urry et Vs Joseph Portelli et*** *– Qorti Appell moghti fis-sena 2011, il-Qorti kkwotat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fejn qalet li:*
*".....il-prinċipju jibqa' l-istess, ċjoe` dak tal-liberta` kuntrattwali bil-korollarju tiegħu li l-eċċezzjonijiet għal dik il-liberta` m'għandhomx jiġu estiżi li hemm mil-*

*limiti tal-liġi li tistabilixxi l-eċċezzjoni.....Il-Kodiċi Ċivili li jagħti lill-kuntratti magħmulin skont il-liġi is-saħħa tal-liġi stess, li hija l-aqwa liġi, ċjoe` l-liġi tal-partijiet, il-mezz u l-miżura tal-indipendenza personali tagħhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi."*

Dwar dan il-ftehim tal-1996 Joseph Grima xehed hekk[13] -

*"U kitibli, talabni biex nieħu lura l-istazzjon u qalli, wara li jiena wwornjajtu serjament fuq id-danni u hu aċċetta, aċċetta, qal illi riedni nieħu lura l-istazzjon, u bil-kambjal li kelli f'idi kien se jħallihomli hemmhekk biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż, għal dak li kellu jħallas u ma ħallasx, għall-ħsarat li setgħu saru, għal xi serq li kien hemm, u l-affarijet li ma jirriżultawx direttament mit-transazzjonijiet kummerċjali."*

Dwar dan l-istess ftehim il-konvenut Joseph Camilleri xehed li[14] -

*"13. Skont il-ftehim, Grima żamm fil-pussess tiegħu d-diversi kambjali illi jiena kont tajtu biex inħallas għall-akkwist tal-istazzjon u għas-servizzi tiegħu ta' konsulent. Biss huwa ċar mill-istess skrittura illi l-imsemmija kambjali baqgħu fil-pussess tiegħu mhux bħala titolu ta' ħlas iżda biss biex jiġi żgurat illi jiena nwettaq dak kollu illi jiena kont assumejt fl-istess skrittura."*

Xehed ukoll Dr Joseph Giglio li fl-epoka kien jippatroċina lil Joseph Camilleri u kien anke nvolva ruħu f'dan il-ftehim imsemmi. Huwa xehed hekk[15] –

[13] Proċess Nru 2116/00 fol 154
[14] Proċess Nru 970/00 fol 107
[15] Proċess 2325/00 a fol 88 et seq

*"….għall-ħabta ta' Marzu tal-1996, jien kont assumejt il-patroċinju ta' Joe Camilleri, f'kawża kriminali li kellu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Meta bdejt nippatroċinah, kien għadu kemm ġie revokat il-ħelsien mill-arrest tiegħu, u kien rekoverat il-ħabs…..Dak iż-żmien li jien bdejt nippatroċinja lil Joe Camilleri, kien qed jiġġestixxi ir-radio magħruf bl-isem ta' Live FM, u dan b'mandat mingħand Joe Grima li kien id-Direttur ta' Grima Communications li kienet tmexxi l-Live FM. Minħabba diffikultajiet li kien qed ikollu, Joe Camilleri ħass li ma setax ikompli jonora l-ftehim li kellu ma' Grima Communications…negozjati mas-Sur Grima, biex Joe Camilleri jinħall mill-ftehim li kellu. Peress li Joe Camilleri kien il-ħabs, in-negozjati kont immexihom jien, u kont għamilt fil-perjodu niġri minn Għall-Kafe' f'Paceville għal fejn kien ikun hemm Joe Grima, għall-ħabs fejn ken ikun hemm Joe Camilleri. Bin-negozjati, is-Sur Joseph Camilleri kien kiteb ittra lis-Sur Joe Grima datata 16 ta' Marzu 1996….u li minnha, Joe Camilleri kiteb lis-Sur Grima li kien ser jinħall mill-ftehim. Meta saret dik l-ittra, imbagħad sar il-ftehim li hu esebit a fol 12 tal-proċess. Dan id-dokument a fol 12 iżjed milli huwa ftehim, huwa agreement fuqhiex il-partijiet qablu. Jekk niftakar sew, kien fadal outstanding issue li m'għandux x'jaqsam mal-Live FM, imma mal-bejgħ tal-"Għall-Kafe'", stabbiliment f'Paceville. Is-Sur Camilleri kien għadda wkoll kambjali lil Joe Grima, to secure l-obbligazzjonijiet li assuma skont dan il-ftehim. Niftakar li l-Bills of exchange ma ħarġux dakinhar li sar il-ftehim. Dawk il-kambjaliet kienu jeżistu qabel. Imma kif jidher mill-ittra tas-16 ta' Marzu 1996, is-Sur Joe Camilleri, kien aċċetta li dawn il-kambjaliet jibqgħu a dispożizzjoni tas-Sur Joe Grima biex jagħmlu tajjeb għall-obbligazzjonijiet li kien qed jassumi s-Sur Camilleri fuq dan il-ftehim. A fol 13 u 14 tal-proċess, hemm żewġ listi. Waħda ntestata Grima Communications, u l-oħra ntestata Mr Camilleri. Dawn il-listi jindikaw l-obbligazzjonijiet li assumew fuqhom il-partijiet wara li sar dan il-ftehim. Dawk l-affarijiet li huma llistjati taħt Grima Communications, huma l-obbligazzjonijiet li assuma Joseph Grima, u li kwindi ma kellux x'jaqsam*

*magħhom Joe Camilleri. Filwaqt li l-lista li hemm taħt l-isem ta' Mr Camilleri, huma l-obbligazzjonijiet li assuma Mr Camilleri u li jibqa' jħallas hu nonostante t-terminazzjoni tiegħu ma' Grima Communications. Dan apparti l-obbligazzjonijiet oħra li kien qed jassumi ai termini tal-ftehim li jinsab a fol 12 tal-proċess. Għalxiex kienu nħarġu l-kambjali oriġinarjament, ma nafx għax ma kontx involut, dak iż-żminijiet. Naf li kienu jeżistu dawk il-kambjali maħruġin minn Joe Camilleri a favur Joe Grima, pero' għaliex u f'liema kuntest inħarġu ma nafx. Il-kambjali, kif għedt kienu qegħdin iservu biex jagħmlu tajjeb għall-obbligazzjonijiet li assuma Joe Camilleri fuq dan il-ftehim.....Għalhekk jekk is-Sur Joe Camilleri jonora l-ftehim li assuma b'din l-iskrittura, il-kambjali ma jibqgħux eliġibbli għax dawk kienu bħala garanzija ta' dan il-ftehim, u għalhekk għall-fini ta' dan il-ftehim, dawk il-kambjali ma setgħux jibqgħu esegwibbli. Il-kambjali kienu żgur jiggarantixu l-obbligazzjonijiet naxxenti minn dan il-ftehim. Jekk kienu jservu bħala garanzija għal xi obbligazzjonijiet oħra, ma nafx. Li nista' ngħid fuq dan il-ftehim, huwa li l-kambjali, Joe Grima kellu jżommhom bħala garanzija għall-pagament li assuma Joe Camilleri, fuq dan il-ftehim. Għalhekk jekk Joe Camilleri jkun sodisfatt b'dan il-ftehim, sakemm huwa knċernat dan il-ftehim, il-kambjali ma jibqgħux esegwibbli."*

Il-Qorti wara li rat il-provi u l-atti hija tal-fehma li huwa minnu li oriġinarjament u ċioe' bil-ftehim iffirmat fit-2 ta' Frar 1995, il-kambjali in kwistjoni kienu ntiżi li jservu bħala titolu ta' ħlas abbinati mal-ammonti pagabbli li kienu qablu dwarhom il-partijiet fil-ftehim imsemmi. Dan f'ċirkustanza fejn il-ġestjoni tal-istazzjon Live FM kienet għaddiet mill-attur lill-konvenut. U allura l-kambjali kellhom iservu bħala korrispettiv ta' ħlas għat-trasferiment li sar bejn l-attur u l-konvenut b'dak l-istess ftehim.

Madankollu jirriżulta wkoll li in vista' tal-iżviluppi li wasslu għall-ftehim li għamlu l-partijiet fl-1996, l-iskop ta' dawn il-kambjala tbiddel b'mod li huma

issa bdew iservu bħala garanzija li magħha kien hemm marbuta l-ottemperanza mal-obbligi li aċċetta li jwettaq il-konvenut fil-kawża. Jingħad ukoll li l-ġestjoni tal-istazzjon Live FM kienet reġgħet għaddiet għand l-attur u allura l-korrispettiv ta' dak li aċċetta l-konvenut permezz tal-kambjala reġa' lura għand l-attur.

Dan kollu jwassal lill-Qorti biex tieħu konjizzjoni tar-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut. Ġjaladarba ġie stabbilit illi l-kambjala mertu tal-kawża odjerna iservu ormai ta' garanzija għall-eżekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet assunti mill-konvenut bil-ftehim tal-1996, l-azzjoni kif impustata mill-attur ma tistax tirnexxi. Il-Qorti hawn tfakkar li hija trid tiddeċiedi l-każ biss skont il-parametri tal-kawża kif delineati minn dak mitlub fiċ-ċitazzjoni.

Kif inghad fil-kaz **Health Services Group Ltd vs Id-Direttur tal-Kuntratti et deciz fit-28 t'April 2017**[16] **-**

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawża **Micallef v. Mizzi**, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:*

*"Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni….ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita".*

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li huwa wkoll doluż l-aġir tal-attur fil-kawża odjerna li, nonostante l-konsapevolezza li bis-saħħa tal-ftehim tal-1996 il-kambjali ma kinux għadhom jikkostitwixxu titolu ta' ħlas, huwa xorta ntavola l-

[16] Rik 381/11

kawża bil-proċedura tal-giljottina  fejn addirittura ddikjara li l-ammont tal-ħlas tal-kambjala kien ċert, likwidu u dovut u talab li l-kawża tinqata' bil-proċedura soomarja ta' dispensa tas-smiegħ.

Naturalment l-eżekuzzjoni o meno tal-obbligazzjonijiet assunti mill-konvenut odjern u l-effetti konsegwenzjali fuq l-import tal-kambjala involuti huma mertu tal-kawża konnessa 2325/00 u dawn l-aspetti għandhom jiġu trattati u deċiżi f'dawk il-proċeduri.

Għalhekk, safejn kompatibbli ma' dak li appena ngħad, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut sejrin jintlaqgħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi -**

**1. Tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza;**

**2. Tiċħad it-talbiet tal-attur;**

**3. L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-attur ħlief għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet li ġew miċħuda u li għandu jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**